Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,694, 23 ta' Ottubru, 1998
Taqsima B

A.L. 232 ta' l-1998

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 37 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 153 ta' l-1994.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

" 5. (1) Kunsillier li jkollu l-ħsieb jikkontesta l-elezzjoni tal-Kumitat għandu jiġi nominat permezz tal-formula li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Il-formula tan-nomina għandha tiġi kkunsinnata lil wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju Elettorali mill-kandidat innifsu, jew, jekk dan ma jkunx jista' minħabba mard jew għax ikun nieqes minn Malta, mir-rappreżentant awtorizzat minnu bil-miktub, fil-ġranet u fil-ħinijiet stabbiliti għal dak il-għan mill-Kummissjoni Elettorali.

(2) Kull nomina għandha ssir lill-Kummissjoni Elettorali u għandha tiġi ffirmata minn proponent li jkun Kunsillier mil-lokalità tal-kandidat innifsu, u minn żewġ sekondanti li jkunu Kunsillieri minn żewġ lokalitajiet differenti u li ma jkunux anqas il-lokalità tal-kandidat. Il-kandidat, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (1), jew ir-rappreżentant tiegħu minnu awtorizzat bil-miktub, għandu wkoll jiffirma li jkun qiegħed jaċċetta n-nomina.".